# Sunetti ta' William Shakespeare

Maqlubin għall-Malti minn Oliver Friggieri

17

Lil vrusi min għad jemmen fil-ġejjieni,
Li kieku mlejthom bl-ogħla merti tiegħek?
Għalkemm, is-Sema jaf, qishom biss qabar
Li jostor ħajtek, bla ma juri nofsok.
Li kieku l-ġmiel t'għajnejk jien nista' nikteb,
U b'ritmi friski ngħodd il-grazzji tiegħek,
Żmien ġdid għad jgħid, dan il-poeta jigdeb,
Xejriet bħal dawn tas-sema qatt ma messu
Uċuħ il-bniedem. Hekk safran bi żmienu,
Jitmaqdar kliemi, xiħ ta' lsien bla reqqa;
U kulma int jitqies ġenn ta' poeta,
U metru mġebbed ta' xi għanja antika:
'Mma jekk xi tifel tiegħek jgħix f'dil-ħabta,
Int għandek tgħix darbtejn; - fih, u fi vrusi.

27

Għajjien bix-xogħol, lejn soddti mmur bil-ħeffa,
Is-serħ għażiż għal ġisem mifni jterraq;
Madanakollu mbagħad jibda vjaġġ f'rasi,

Biex jaħdem moħħi, la sar xogħol il-ġisem:
Għax ħsibijieti mbagħad (mill-bogħod fejn ngħammar)
Pellegrinaġġ imħeġġeġ lejk jixxennqu,
U jżommu miftuħin tebqiet għajnejja,
Imħeddla, jilmħu d-dlam li jaraw l-għomja:
Id-dehra li tistħajjel ir-ruħ tiegħi
'L għajnejja mingħajr dawl troddilhom dellek,
Li, qisu ġawhra mdendla f'lejl iwaħħax,
Isebbaħ lejl sewdien, wiċċ xiħ iġedded.
U hekk, ġismi bin-nhar, u bil-lejl moħħi,
Għalik, għalija wkoll, xejn serħ ma jsibu.

28

Kif nista' nerġa' lura lejn il-hena,
La jien mill-fejda tal-mistrieħ imċaħħad?
Jekk swat il-jum bil-lejl m'huwiex imtaffi,
U n-nhar mil-lejl u l-lejl min-nhar imsawwat?
U t-tnejn, għalkemm huma saltniet għedewwa,
Miftiehma, jieħdu b'id xulxin, biex lili
Jaħqruni, min bix-xogħol, min billi ngerger
Kemm jien imbiegħed naħdem, bogħod wisq minnek.
Jien ngħid lill-jum, biex nogħġbu, inti dawli,
U rroddlu l-ħajr jekk sħab itabba' s-sema:
Hekk jien lil-lejl ta' lewn samrani nfaħħar;
Jekk swiedu l-kwiekeb, int l-għaxija ddehebha.
'Mma l-jum kuljum lid-dwejjaq itawwalli,
U l-lejl bil-lejl saħħet id-diqa jsaħħaħ.

29

Meta fl-għajb t'għajn in-nies u ta' xortija,
Waħdien, imkeċċi, nibki l-qagħda tiegħi,
U s-Sema trux indejjaq b'biki fieragħ,
U nħares lejja, u nisħet lil xortija,

Xewqan li kont xi ħadd ogħna fit-tama,
Imlibbes bħalu, bħalu bil-ħbieb miegħi,
Nixxennaq sengħet dak, u l-għan ta' l-ieħor,
B'dak kollu li nħobb l-aktar kuntent l-inqas;
F'dal-ħsibijiet sa nkażbar lili nnifsi,
Jiftilli naħseb fik - u mbagħad din ruħi
(bħalma l-alwetta meta jżernaq titla'
mill-art imnikkta) tgħanni f'bieb il-ġenna;
għax ġid bħal dan iġġibli mħabbtek ħelwa,
tant li nistmerr li nasal ngħix bħas-slaten.